# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 61/8

**L-Erbgha 1 ta` Dicembru 2021**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-hamsa ta` filghaxija (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Marija Micallef – Kunsilliera

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

**AĠENDA**

061.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

061.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 60/8 [5/11/2021;

061.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

061.4 Performance Appraisal u Bonus tal-Impjegati tal-Kunsill ghas-sena 2021;

061.5 Abbozz tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2022;

061.6 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart tas-Sena (Jan-Sept 2021);

061.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

061.8 Rapporti;

061.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
c. Ġnien Raymond Caruana – progress

061.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

061.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 061.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kunsilliera M Micallef talbet biex tigi skuzata.

## 061.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti ( 60/8 [05/11/2021]);

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 60/8 nem con.

**Punti Mqajjma mill-Minuti**

**061.2.1**

Saret referenza ghall-mghaqqad tal-ilma li qed jkun hemm fid-dahla ta` Gnien il-Qari. Gie ssugeriet li jitqabbad kuntrattur sabiex isir trinka li twassal ghall-sprall biex titaffa` l-problema.

061.2.2

Saret referenza dwar il-bollard ta` Triq San Ciru katuniera ma` Triq il-Kbira, fejn gie ssuggeriet li jsiru bollards tal-plastik taht il-bankina biex jigi evitat xi incident. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

061.2.3

Saret referenza ghall-bye law tal-parkegg, fejn Sindku nfurmat lil dawk prezenti li kienu saru l-emendi mehtiega u ha tintbghat ghall-approvazzjoni.

061.2.4

Saret referenza ghall-problema tal-vannijiet fi Triq F.Castagna, fejn gie ssuggeriet li jsiru linji sofor iz-zewg nahat tal-parti dejqa quddiem l-iskola u kaxxa b`keep clear.

061.2.5

Saret referenza ghall-road humps li gew installi fi Triq J.Gravina, fejn gie ssugeriet li road hump minnhom titawwal ftit iehor sabiex il-vetturi ma jghaddux mill-parti fejn m`hemm il-humps.

061.2.6

Saret referenza ghall-fondi tar-Regjun sabiex il-Kunsill japplika ghall-attivita fiz-zmien il-festi tal-Ghid hekk kif ghal tal-Milied ma hadniex fondi.

**061.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

061.3.1 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-Christmas Fun Run li ser isir fis-17 ta` Dicembru 2021 fis-7.30pm. Il-Kunsillier MA Sammut spjega li l-mixja ser tibda minn quddiem iz-zuntier u li ghal din l-attivita hemm bzonn li jkun hemm zewg ufficjali mill-LESA. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill johrog ghall-Christmas treats li ser jitqassmu dakinhar tal-attivita.

061.3.2 Prezentata kwotazzjoni tal-lapel badges mibughta mis-Sur Duca. Il-Kunsill talab sabiex jingiebu aktar kwotazzjonijiet.

061.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li default notice kienet harget lill-kuntrattur li jiehu hsieb il-gonnna u soft areas fil-lokalita.

061.3.4 Is-Sindku tablet sabiex isir arblu fi Triq il-Palazz biex dik iz-zona tidawwal aktar. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex it-tlett bozzoz ta` Triq R.Caruana jinbidlu ghall-LED.

Fis-6:45pm Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jigi skuzat mill-laqgha. Is-Sur Caruana talab jaghmel zewg punti.

Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jitob lill-TM sabiex il-via ta` traffiku fi Triq il-Palma u l-Awrikarja jsiru bil-kontra.

061.3.5 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jintbghat il-kennies fi Triq il-Lewz u Triq Bettina.

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li Letter of Representation dwar l-applikazzjoni ghall-permess ta` kamra ta` nar kienet giet sottomessa fil-hin.

061.3.6 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand is-Sinjura Maniscalco dwar hsara li garbet fit-tyre tal-vettura taghha minhabba hofra fi Triq il-Palazz. Il-Kunsill qabel li jhallas tal-hsara li garbet.

061.3.7 Gew prezentati l-kwotazzjoni sabiex isir titnehha rampa quddiem il-Kazin tal-Labour. L-ispiza tammonta ghall-300Euro. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

061.3.8 Giet prezentata ittra li ntbghatet mill-Ghaqda tal-Banda Maria Assunta dwar l-ghajnuna li sabu minghand il-Kunsill matul il-festa li giet organizzata fix-xahar ta` Ottubru.

061.3.9 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li talba tal-Kunsill sabiex jinghata l-permess mehtieg mid-DLG biex isir embellishment fiz-zona ta` fejn il-Palazz giet milqugha u ghalhekk il-Kunsill ser ikellem lill-perit sabiex jsiru l-applikazzjonijet mehtiega mall-Awtorita tal-Artijiet u l-Awtorita tal-Ippjanar.

061.3.10 Is-Sindku ghamlet referenza ghat-talba li saret minn naha taghha sabiex isir appell minn naha tal-Kunsill ghad-decizjoni li tittiehdet mill-bord ta` Evalwazzjoni dwar il-fondi ghall-attivitajiet tal-Milied, fejn l-Kunsill ma kien jikkwalifika. Din it-talba ma gietx milqugha minn naha ta` Dipartiment tal-Gvern Lokali.

061.3.11 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-applikazzjoni li saret relatata mall-European Mobility Week ma giet milqugha.

061.3.12 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand resident dwar il-possibilta li jsiru xoghlijiet mehtiega fi Triq B`Bugia. Is-Sindku qalet li giet infurmata li f`din it-triq kienu ser jsiru xoghlijeit mehtiega minn IM.

061.3.13 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li l-Kunsill ghadda l-ispejjez kollha relatati mall-Progett tal-LC Care sabiex jircievi l-kumplament tal-fondi.

061.3.14 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-attivita li ser tigi organizzata ghaz-zmien il-Fest tal-Milied gewwa l-AX Palace Hotel nhar it-Tlieta 14 ta` Dicembru. Is-Sindku qalet li hemm madwar tletin persuna li diga bbukjaw. Ghal din l-attivita l-Kunsill ser jiehu hsieb li japplika mall-awtoritajiet tal-MTA u MGA sabiex ikollu l-permessi kollha mehtiega. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

061.3.15 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li sejha ghall-offerti sabiex isir il-pavimentar ta` quddiem il-kappella ta` Loretu kien hareg fuq l-EPPS u jaghlaq fis-16 ta` Dicembru 2021.

061.3.16 Is-Sindku ghamlet referenza ghall-korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand l-Ghaqda Maria Assunta sabiex ir-riflettur li kine gie installat fi Triq Bir Miftuh biex jaghti dawl ghall-quddiem l-istatwa tal-Madonna jitressaq fi Triq P.Cagliardi kif indikat minnhom. Dwar dak mitlub, il-Kunsill ma jsib l-ebda ogezzjoni.

**061.4 Performance Appraisal u Bonus tal-Impjegati tal-Kunsill ghas-sena 2021;**

Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat il-performance appraisal report tal-Assistant Principal, u tal-Ufficjal Ezekuttiv fejn gie irrakomandat li jinghataw l-massimu tal-persentagg (6%). Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzjat lil dawn iz-zewg haddiema ta` hidmiethom fil-Kunsill. Is-Sindku proponiet li l-haddiema klerikali ghandhom jinghataw dak rrakomandat mis-Segretarju. Il-Kunsill approva unanimament dawn ir-rapporti.

061.5 **Abbozz tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2022;**

Is-Sindku prezentat l-abbozz tal-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2022 fejn nfurmat lil dawk prezenti li ma kienx hemm bdil f'dan ir-rapport wara li sar l-awditjar. Is-Sindku proponiet sabiex dan irrapport jigi approvat, il-Vici Sindku ssekonda u kien hemm qbil unanimu.

061.6 **Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart tas-Sena (Jan-Sept 2021);**

Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ghat-tieni kwart tas-sena (Jan-Sett 2021). Ir-rapport gie approvat unanimament.

061.7 **Twegibiet ghall-Mistoqijsiet tal-Kunsilliera;**

061.7.1 Il-Vici-Sindku JM Calleja rraporta bozza mhux tixghel fi Triq il-Kappillan.

061.8 **Rapporti:**

Ma kienx hemm.

061.9 **Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Triq iż-Żebbuġa – progress
b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress

Is-Sindku qalet li xoghol fi Triq J.Pace u Triq Santa Katerina kien miexi sew mill-kuntrattur u li sa` Dicembru ser titlesta Triq J.Pace u l-pjazza ta` Triq Santa Katerina. Is-Sindku proponiet li hekk kif jitlestew dawn iz-zewg toroq jinhareg pagament iehor lill-kuntrattur wara li dan jigi ccertifikat mill-perit. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

c. Ġnien Raymond Caruana – progress

061.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta` Pagamenti;**

Il-lista ta' pagamenti nru 31/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsillier MA Sammut u ssekondata mill-Vici Sindku JM Calleja għall-ammont totali ta' €75,677.97 u ġiet approvata nem con.

061.11 **Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-Seduta li jmiss.**

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (7.30pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgħa għal nhar it-Tlieta 21 ta` Dicembru 2021 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum l-Erbgha 22 ta` Dicembru 2021

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv